# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 25

Data tal-laqgħa: 13 ta' Ottubru, 2020

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tlieta, 13 ta' Ottubru 2020 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Assenti b'appoloġija | Christopher Fenech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-5.40p.m. billi ntqalet it-talba.

**25/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**25/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Christopher Fenech biex jiġi skuzat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġi reġistrat bħala Assenti b'appoloġija.

**25/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 24**

**25/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**25/02/02** **Para 24/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li Perit qed iħejji stima tax-xogħol ta' tisbiħ fuq il-latrina pubblika.

**25/02/03** **Para 24/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t- toqob għal *bollards* f'toroq prinċipali ħa jsiru mis-Sur Oscar Mangion.

**25/02/04** **Para 24/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki peress li Sport Malta qeda f'kawża l-Qorti vs B'Kara St. Joseph.

**25/02/05** **Para 24/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt kemm mal-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol Owen Bonnici kif ukoll mal-Awtorità tal-Artijiet biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja.

**25/02/06** **Para 24/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-inġinier għad irid jiffinalizza l-*bill of quantities* biex inġibu fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

25/02/07 **Para 24/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida u l-arblu għal Triq iċ-Ċawl saru imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

25/02/08 **Para 24/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-ġimgħa s-Sur Salvu Fenech għandu jlesti l-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll jibdel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju.

25/02/09 **Para 24/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat *sleeping police* qrib il-ħruġ tal-McDonald's.

25/02/10 **Para 24/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nippreparaw *expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata.

25/02/11 **Para 24/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikazzjoni biex nieħdu fondi tal-UE biex isir restawr tal-ħitan tas-sejjieħ tal-Ġnien tal-Ponta ma ġietx aċċettata.

25/02/12 **Para 24/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

25/02/13 **Para 24/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Reġjun Tramuntana għadu ma installax iż-żewġ CCTV Cameras fil-Ġnien ta' Żagħruna.

25/02/14 **Para 24/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet kitbet lil Maltapost p.l.c biex il-*letterbox* timxi minn fejn l-għassa għal pjazza.

25/02/15 **Para 24/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta fuq il-korrispondenza minn Dr David H Harding – Re il-post tal-klijenti tiegħu ġewwa Għargħur – użat ukoll għal Health Services tal-Gvern, Leap kif ukoll mill-Pulizija bħala l-Għassa tal-Għargħur.

25/02/16 **Para 24/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*pole* u l-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadhom hemm u li x-xogħol għadu għaddej.

25/02/17 **Para 24/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jonqos iz-*zebra crossings* ta' Triq San Bartilmew u Triq Stiefnu Zerafa.

25/02/18 **Para 24/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sejħa għal knis tat-toroq għalqet u l-bord beda l-evalwazzjoni.

25/02/19 **Para 24/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit se jipprovdi stima biex isir Triq Għaxqet l-Għajn minn bollard sa bollard.

25/02/20 **Para 24/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur beda jagħmel *refreshing* tal-*speed limits* li għandna madwar ir-raħal.

25/02/21 **Para 24/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* ġodda fi Triq in-Naxxar għadhom ma sarux.

25/02/22 **Para 24/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Għaxqet l-Għajn 'l isfel mill-Madonna tal-Ġebla l-Kbira saret imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

25/02/23 **Para 24/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *refreshing* ta' *central strip* ta' quddiem l-Oratorju sar.

**25/02/24** **Para 24/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi xhur li ġejjin il-Cleansing and Maintenance Division ser jipprovdu CCTV camera għal ħdejn l-Sptar tal-Ferħa.

**25/02/25** **Para 24/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sal-lum ma smajna xejn fuq l-ittra li bgħattna bl-Avukat lis-sidien tal-għalqa biex jirranġaw il-ħajt fi Triq San Bartilmew.

**25/02/26** **Para 24/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat l-*information panel* fuq l-Għajn tal-ilma għal Ġnien il-Paċi.

**25/02/27** **Para 24/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiltaqa' mal-Perit sabiex napplikaw biex isir *bus shelter* żgħir f'Misraħ il-Knisja.

**25/02/28** **Para 24/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq San Bartilmew mal-ħajt ta' Primadent Dental Clinic saret imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**25/02/29** **Para 24/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat bieb tal-a*luminum* bil-ħġieġ *double glazed* sabiex innaqqsu kemm nistgħu l-istorbju fl-Uffiċċju Amministrativ.

**25/02/30** **Para 24/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq l-applikazzjoni biex issir Cat Café fi Triq Għaxqet l-Għajn. Barra minn hekk, tlabna devoluzzjoni tal-art fejn nixtiequ nagħmlu l-Cat Café.

**25/02/31** **Para 24/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntrattur se jimplimenta sinjali fi Triq Għaxqet l-Għajn ħalli n-nies isuqu u jipparkjaw sew.

**25/02/32** **Para 24/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser napplikaw għal fondi mill-Majjistral Action Group Foundation għad-dawl kemm għat-Torri tas-Semaforu kif ukoll għal bini tal-Kunsill. Il-MEUSAC ħa tgħinna nimlew l-applikazzjoni.

**25/02/33** **Para 24/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta uffiċjali mill-Street Naming Committee sabiex Triq il-Mitħna tiġi Sqaq il-Mitħna.

**25/02/34** **Para 24/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *central strip* fi Vjal ir-Repubblika saret.

**25/02/35** **Para 24/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta minn Transport Malta biex isir *sleeping police* fi Triq il-Ġnien (lejn il-Madliena).

**25/02/36** **Para 24/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *refreshing* ta' *double yellow lines* ta' quddiem iċ-ċimiterju sar.

**25/02/37** **Para 24/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Muzzan ser jirranġa l-*gate* tal-Ġnien ta' Żagħruna għax qeda maqtugħa ħafna mill-art u t-tfal jistgħu joħorġu minn taħtha.

**25/02/38** **Para 24/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat żewġ *bollards* għal Triq il-Qiegħed direzzjoni lejn Triq il-Kbira.

**25/02/39** **Para 24/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-mera għal Triq San Ġwann k/m Triq Stiefnu Zerafa saret.

**25/02/40** **Para 24/02/46:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-erba' toqob li talbet l-Għaqda tan-Nar għadhom ma sarux.

**25/02/41** **Para 24/02/48:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-mera għal min ikun ħiereġ minn Sqaq San Ġorġ saret.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

| | |
|---|---|
| **25/02/42** | **Para 24/02/49:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Ministru Dr Ian Borg biex issir parti mit-Triq Għaxqet l-Għajn taħt is-siġar (min-naħa ta' Triq il-Ġnien). |
| **25/02/43** | **Para 24/02/50:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq it-talba għal *double yellow line* bejn id-dar numru 80 u l-garaxx numru 78 fi Triq Stiefnu Zerafa ġie deċiż li aħjar ma jsirx għax jinħoloq preċedent. |
| **25/02/44** | **Para 24/02/51:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Santa Katerina min-naħa ta' Triq tal-Balal saret imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc. |
| **25/02/45** | **Para 24/02/54:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabella li tgħid 'din hija zona residenzjali kunu prudenti jekk jgħoġobkom tagħmlux storbju' għal Ġnien ta' Żagħruna saret. |
| **25/02/46** | **Para 24/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bosta residenti urew interess sabiex insebbħu l-ambjent bil-fjuri. |
| **25/02/47** | **Para 24/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mera fil-konfini ta' bejn il-Għargħur u n-Naxxar (min-naħa ta' Triq John Adye) saret. |
| **25/02/48** | **Para 24/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-*road hump* ta' quddiem ir-residenza numru 26 fi Triq Dun Karm Fenech saret. |
| **25/02/49** | **Para 24/05/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser ninnominaw persuna mill-Għargħur għal Premju Soċjetà Ġusta. |
| **25/02/50** | **Para 24/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret tabella *no entry* fi Sqaq Warda (min-naħa ta' Triq Katerina Sammut). |
| **25/02/51** | **Para 24/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret tabella *'nose to kerb'* fi Triq in-Naxxar. |
| **25/02/52** | **Para 24/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saru tliet tabelli li jindikaw iż-żoni rispettivi fejn hemm kolonji ta' qtates. |
| **25/02/53** | **Para 24/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-*road hump* ta' ħdejn Ta' Cuschieri fi Triq il-Ġnien saret. |
| **25/02/54** | **Para 24/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur ta' Infrastructure Malta se jieħu ħsieb li ssir *road hump* fil-bidu ta' Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta' Triq il-Ġnien). |
| **25/02/55** | **Para 24/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta ma approvatx li ssir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna għax jistgħu jegħrqu. |
| **25/02/56** | **Para 24/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *rubber corner* bejn dar numru 3 u dar numru 4 fi Triq il-Mitħna għadha ma saritx. |
| **25/02/57** | **Para 24/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li weħel *dog bin* fil-kantuniera ta' Sqaq Warda ma' Triq Katerina Sammut. |
| **25/02/58** | **Para 24/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se jeħel fanal ġdid fi Sqaq Rużarju. |
| **25/02/59** | **Para 24/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed isir eżerċizzju biex naraw fi xħin qed jitilgħu l-*buses* f'Misraħ il-knisja (fi ġranet u ħinijiet differenti) u numru ta' nies li qed jużawhom. |
| **25/02/60** | **Para 24/05/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tkun qed tiltaqa' mal-persuna li ħarġet bl-idea li jkun hawn *Community Garden* fil-Għargħur. |

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**25/02/61** **Para 24/05/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se jitwaħlu żewġ *bollards* fi Triq Mons L. Catania (fil-biċċa t'isfel).

**25/02/62** **Para 24/05/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sar *bus stop* temporanju fi Triq Caravaggio minflok *bus stop* 1079 li kien fi Triq Caravaggion k/m Triq il-Qiegħed.

**25/02/63** **Para 24/05/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet kemm lil ERA kif ukoll lil Cleansing and Maintenance Division sabiex inaddfu r-rimi illegali minn Wied Anġlu.

**25/02/64** **Para 24/05/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bank li qiegħed fuq bankina fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu għadu ma tneħħiex.

**25/02/65** **Para 24/05/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sindku u s-Sur Abraham Aquilina attendew laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Artijiet u Kostruzzjoni. Is-Sindku qalet li Segretarju Parlamentari għall-Artijiet u Kostruzzjoni laqa' tajjeb ħafna l-idea li jsir proġett fejn il-grawnd tal-futbol jinbidel f'*car park* u saqaf ikun żviluppat f'*pitch* tal-*football* li jkun jilħaq l-ogħla *standards*. Is-Sur Abraham Aquilina qal li rridu noqgħodu attenti minħabba l-għoli tal-bini. Is-Sur Carl Grech spjega li din opportunità kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv kkuntattjat lill-perit biex jipprepara stima.

**25/02/66** **Para 24/05/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt se jkollna sistema ta' permessi *online.*

**25/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**25/03/01** Is-Sindku qalet li nhar il-Ħadd, 18 ta' Ottubru ħa ssir *Clean up* fi Triq Għaxqet l-Għajn minn grupp ta' żgħażagħ li qegħdin jduru diversi postijiet madwar Malta.

**25/03/02** Is-Sindku resqet li ssir *Christmas Parade* nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru bejn 7:30pm-8:45pm għall-prezz ta' €1300. Kien hemm qbil unanimu.

**25/03/03** Is-Sindku resqet li ssir mera fi Sqaq Ħofra faċċata ta' *Childcare centre*. Il-Kunsill qabel unanimament

**25/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**25/04/01** Ma kienx hemm.

**25/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**25/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Dorianne Diacono – SPI.SCI.3.2020 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali, Aċċessibilità u Mobilità.

**25/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Silvana Agius – Komunikazzjoni dwar l-Inizzjattiva tal-WIFI4EU. Il-Kunsilli Lokali li ġew magħżula sabiex jibbenefikaw minn voucher ta' €15,000 kienu b'kollox 54 fosthom il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur. Ser ninżammu infurmati bl-iżviluppi.

**25/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Fondi u Proġrammi fejn ġejna infurmati li l-Applikazzjoni Nru.4.40280 taħt Rural Development Programme 2014-2020, Measure 4.4 – Support for non-productive investments ma ġietx magħżula.

**25/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 16 ta' Settembru 2020).

**25/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 23 ta' Settembru 2020 u 30 ta' Settembru 2020).

**25/05/06** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – L-applikant applika għal 1.5m Keep Clear Bay/Reserved Parking Bay ħdejn The Village Store fi Triq Caravaggio.

**25/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Antoine Zammit – Finanzjament għall-krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-ibliet u l-irħula f'Malta u Għawdex. Kien hemm qbil unanimu li napplikaw.

**25/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Antoine Zammit – Skema Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern.

**25/05/09** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – *Re: Request to install a Road Hump near 'Back Exit of Mc Donalds' in Triq Santa Katarina, Għargħur.*

**25/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 7 ta' Ottubru 2020).

**25/05/11** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta fejn ġejna infurmati li l-Kunsill irid jieħu l-miżuri biex jibni l-bankina ta' Triq il-Mitħna kif ġie approvat skont il-permess li nħareġ mill-Perit Testaferrata. Hu rakkomandat li fil-kantuniera, il-bankina tiġi mwessa' għal 1.3 metri peress li wara spezzjoni rriżulta li t-triq hi wiesgħa biżżejjed. Kien hemm qbil unanimu.

**25/05/12** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta fejn it-Taqsima għall-Immmaniġġjar tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta approvat Parkeġġ Riservat fi Triq l-Isqof Gargallo.

**25/05/13** Il-Perit Michael Attard Previ bagħat proposta ta' kif għandhom ikunu l-*parking bays* ta' Triq Mons Luigi Catania. Kien hemm qbil unanimu.

**25/05/14** Fuq it-talba ta' residenta għal *dog bin* fi Triq Fidiel Zarb. Il-Kunsill qabel unanimament.

**25/05/15** Fuq it-talba ta' residenta għal *sleeping police* fi Sqaq tal-Ħofra. Il-Kunsill qabel li ssir *sleeping police* wara li ssir it-triq.

**25/05/16** Fuq it-talba ta' residenta għal mera fi Triq il-Qiegħed faċċata tal-garaxxijiet fejn hemm il-*yellow lines.* Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li ssir mera a spejjeż tagħhom.

**25/05/17** Fuq il-problema ta' parkeġġ fi Triq Giovanni Gafa'. Is-SE qalet li diġà infurmat lil Transport Malta.

**25/05/18** Fuq it-talba ta' residenta biex jinqala' bank minn Triq Giovanni Gafa'. Il-Kunsill qabel unanimament.

**25/05/19** Fuq it-talba biex isiru kaxxi tal-parkeġġ fi Triq l-Indipendenza u Triq Mattia Preti. Il-Kunsill qabel unanimament.

**25/05/20** Is-Sur Abraham Aquilina talab li jsiru *cat eyes* fi Triq in-Naxxar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**25/05/21** Is-Sindku resqet li jsiru *yellow lines* 'l isfel mill-Għar San Brinkat. Il-Kunsill qabel li ssir *site visit.*

**25/05/22** Fuq it-talba għal tliet qsari ħdejn il-kappella ta' Triq San Nikola. Il-Kunsill qabel unanimament.

**25/05/23** Fuq it-talba għal bozza ma' arblu fejn kien hemm Joe l-sprayer fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill qabel unanimament.

**25/05/24** Is-Sa. Marilena Hassan issuġġeriet li għal *Project in Schools: Celebrating our locality's Sportspersons* ninnominaw li Sur Neil Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**25/05/25** Is-Sur Abraham Aquilina ssuġġerixxa li jsir *dog bin* ħdejn l-Oratorju. Il-Kunsill qabel unanimament.

**25/05/26** Is-Sur Abraham Aquilina ssuġġerixxa li nappellaw fuq il-permess PA 2995/20 [*Location of development: Site at, Triq Kromb il-Bahar, Sqaq Charlotte, Gharghur; Description of works: To renew to construct 4 residential units with underlying garages; Applicant: Mr Joseph Bezzina*] peress li l-Kunsill preċedenti kien appella fuq permess simili. Il-Kunsill qabel unanimament.

**25/05/27** Is-Sur Abraham Aquilina ssuġġerixxa li jitpoġġew blokki tal-konkos fi Triq John Adye, Naxxar. Is-Sindku Helene Gauci ser tagħmel kuntatt ma' Sindku tan-Naxxar.

**25/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**25/06/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**25/07 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**25/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 17 ta' Novembru 2020 fil-5:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**